

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/541**tal-20 ta' Diċembru 2017****li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/2358 u r-Regolament Delegat (UE) 2017/2359 f'dak li għandu x'jaqsam mad-dati ta' applikazzjoni tagħhom****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(2), l-Artikolu 28(4), l-Artikolu 29(4) u (5) u l-Artikolu 30(6) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2016/97 tarmonizza d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati biex tispeċifika aktar il-kriterji u d-dettalji prattiċi fir-rigward ta' regoli dwar il-kondotta tal-operazzjonijiet applikabbli għad-distribuzzjoni tal-prodotti tal-investment ibbażati fuq l-assigurazzjoni, u fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sorveljanza u tal-governanza tal-prodotti għall-impriżi tal-assigurazzjoni u għad-distributuri tal-assigurazzjoni. Fil-21 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2017/2358 ⁽²⁾ u r-Regolament Delegat (UE) 2017/2359 ⁽³⁾ fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat.
- (2) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-professionisti jkunu jistgħu jadattaw ruħhom aħjar għar-rekwiżiti stabbiliti fiż-żewġ Regolamenti Delegati msemmija fl-ewwel premessa, id-data ta' applikazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti Delegati jenħtieġ li tiġi allinjata mad-data li fiha l-Istati Membri jridu japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva (UE) 2016/97, kif stabbilit fl-Artikolu 42(1) ta' dik id-Direttiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Emendi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2358**

Fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2358, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Huwa għandu japplika mid-data li fiha l-Istati Membri jridu japplikaw il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97."

*Artikolu 2***Emendi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2359**

Fl-Artikolu 20 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2359, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Huwa għandu japplika mid-data li fiha l-Istati Membri jridu japplikaw il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97."

⁽¹⁾ ĠUL 26, 2.2.2016, p. 19.⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2358 tal-21 ta' Settembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sorveljanza u tal-governanza tal-prodotti għall-impriżi tal-assigurazzjoni u d-distributuri tal-assigurazzjoni (ĠUL 341, 20.12.2017, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2359 tal-21 ta' Settembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti ta' informazzjoni u regoli dwar il-kondotta tal-operazzjonijiet applikabbli għad-distribuzzjoni ta' prodotti ta' investment ibbażati fuq l-assigurazzjoni (ĠUL 341, 20.12.2017, p. 8).

*Artikolu 3***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
